



28.9.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1362/2011, imressqa minn Jürgen Bauschmann, ta' ċittadinanza Ġermaniża, f'isem l-inizjattiva taċ-ċittadini Pro Schneeberg, bi tlett firem, dwar il-protezzjoni tal-flora u l-fawna fil-komun ta' Mauer (fil-Ġermanja)

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jirreferi għall-espansjoni ppjanata ta' barriera tal-franka, kif ukoll għat-tnaqqis fil-livell tal-ilma ta' taħt l-art fil-muniċipalitá ta' Mauer (viċin Heidelberg, fil-Ġermanja). Il-petizzjonant jibża' li jkun hemm danni ekoloġiċi gravi fuq is-siti viċini tan-Natura 2000, jekk jiġi implimentat dan il-proġett. L-ilmijiet ta' taħt l-art jistgħu jitniġġsu, fost l-oħrajn, bl-arseniku, speċi ta' annimali protetti jiġu mhedda u artijiet mistagħdra jinxfu minħabba l-bidla fil-livell tal-ilma ta' taħt l-art. Skont il-petizzjonant, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula fil-qafas tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ġew implimentati minn konsulenti li mhumiex indipendenti u, f'xi każijiet, b'mod li mhux korrett. Il-petizzjonant qed jitlob li ssir inkjesta.

2. Ammissibilitá

Iddikjarata ammissibbli fl-20 ta' April 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

Il-Kummissjoni m'għandhiex is-setgħat biex tawtorizza jew twaqqaf proġetti. Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tiżgura li l-Istati Membri japplikaw il-liġi tal-UE b'mod korrett meta jiġu biex jawtorizzaw proġetti.

Il-proġett tal-estensjoni tal-barriera tal-franka jinsab qrib is-sit tan-Natura 2000 DE6618341 "Kleiner Odenwald" u DE6618342 "Kraichgau-Meckersheim" li huma protetti mid-Direttiva

92/43/KEE¹ (Direttiva dwar il-Habitats).

a) Id-dimensjoni ekoloġika taż-żona kkonċernata:

Is-sit "Kleiner Odenwald" jirrappreżenta bosk tipiku f'dan ir-reġjun u huwa kopert l-aktar minn foresti tal-fagu. Il-fagu (*Fagus sylvatica* L.) huwa l-ispeċi ħorfija l-aktar komuni fil-Ġermanja. Bħalissa, tammonta għal madwar 15% tal-boskijiet. Il-foresti tal-fagu jipprovdu habitats kważi naturali għal ħafna pjanti u annimali. Is-sit "Kraichgau-Meckersheim" huwa bosk b'żoni kkultivati u kopert fil-parti l-kbira tiegħu minn foresti u bwar li jinkludu għonna tas-siġar tal-frott u *Dicranum viride*, ħażiż li jikber l-aktar fuq il-qoxra taz-zkuk tal-foresti u huwa mniżżel fl-anness II tad-Direttiva dwar il-Habitats.

b) Il-proġett ikkonċernat fid-dawl tad-Direttiva dwar il-Habitats:

Skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Habitats, kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament mal-immaniġġjar ta' tali sit jew li mhux meħtieġ minnu iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, għandu jkun suġġett għal stima xierqa tal-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit in vista tal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit. Dan japplika wkoll għal barriera tal-franka qrib iż-żona ta' Natura 2000. Madankollu, l-ewwel pass tal-awtoritajiet kompetenti huwa li jeżaminaw jekk hemmx il-probabilità li l-proġett ikollu effetti sinifikanti u, jekk iva, jiżguraw li titwettag stima xierqa.

Il-konklużjoni li ntlaħqet kienet li l-estensjoni tal-barriera tal-franka ma kellha l-ebda effett negattiv sinifikanti fuq is-siti kkonċernati tan-Natura 2000. B'konsegwenza ta' dan, ma kinitx meħtieġa stima skont l-artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Habitats. Skont l-awtoritajiet kompetenti, l-ispeċi ta' interess komunitarju ma jiddependux mill-korp tal-ilmijiet lokali ta' taħt l-art bħal, per eżempju, għeruq tal-pjanti li jilhqqu massimu ta' 5 m fil-ħamrija. Is-saff tal-ilmijiet ta' taħt l-art tas-siti tan-Natura 2000 mhuwiex f'kontatt ma' dak li huwa konness mal-barriera tal-franka. Tnixxijiet fid-dranaġġ kienu, fil-fatt, ikkawżati mill-età tas-sistema (bejn 50-60 sena). Dan huwa improbabbli li jaffettwa s-siti tan-Natura 2000.

c) Il-proġett kif tqies mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet nazzjonali:

Petizzjoni simili kontra l-estensjoni prevista tal-attivitajiet tal-barrieri ġiet miċħuda mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-"Landtag" (Parlament Federali) ta' Baden-Württemberg f'Diċembru 2010².

Konklużjonijiet

Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-petizzjonant u mill-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni tista' tikkonferma li m'hemm l-ebda ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tan-natura.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21.5.1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa; ĠU L 206, 22.7.1992, p.7

² Petizzjoni 14/5350 ippubblikata fi "Drucksache 14/7278"